**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Angie Azzopardi**

**Illum 20 ta' Gunju 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 439/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Angie Azzopardi, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 569888(M), billi hija akkuzata talli nhar it-30 ta' Gunju 2020 ghall-habta tal-16:00hrs u/jew hinijiet wara gewwa l-inhawi maghrufa bhala Ta' Manduca, fil-limiti ta' Had Dingli, u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Irrendiet ruhha komplici fir-reat ta' attentat ta' offiza gravi u cioe` talli minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, izda bil-hsieb li tikkaguna hsara fuq il-gisem jew fis-sahha, u permezz ta' arma regolari, fuq il-persuna ta' Simon Azzopardi (ID: 585641M), Raymond Azzopardi (ID: 327177M) u ulied minuri tal-istess

Raymond u cioe` Ramona Azzopardi (ID: 423008L) u Simon Azzopardi (ID: 400206L), uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghha.

2. U aktar talli kkawzat lil Simon Azzopardi (ID: 585641M), Raymond Azzopardi (ID: 327177M) u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioe` Ramona Azzopardi (ID: 423008L) u Simon Azzopardi (ID: 400206L), biza` li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet.
3. U aktar talli ghamlet lil Simon Azzopardi (ID: 585641M), Raymond Azzopardi (ID: 327177M) u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioe` Ramona Azzopardi (ID: 423008L) u Simon Azzopardi (ID: 400206L), ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Simon Azzopardi (ID: 585641M), Raymond Azzopardi (ID: 327177M) u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioe` Ramona Azzopardi (ID: 423008L) u Simon Azzopardi (ID: 400206L) u tapplika l-provvedimenti ta' Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tapplika Art. 412C tal-Kap. (9) ai favur Simon Azzopardi (ID: 585641M), Raymond Azzopardi (ID: 327177M) u ulied minuri tal-istess Raymond, u cioe` Ramona Azzopardi (ID: 423008L) u Simon Azzopardi (ID: 400206L).

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom

x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 389*) datata 27 ta' Settembru 2021 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 41(1)(a); 42(a)(b)(d)(e); 43; 44; 45; 46; 214; 215; 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d); 217; 218(1)(a)(b); 222(1)(a) u 202 (h)(i)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251(3); 251B (1)(2); 222 (1)(a); 202 (h)(i)(iii) u 251H (a)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7; 15A; 17; 31; 382A, 383; 384; 385; 386; 412C; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2021 (*a fol. 393)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-27 ta' Settembru 2021, u f'liema seduta l-imputata tiddikjara li ma ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Saru s-sottomissjonijiet finali;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu hamsa u ghoxrin (25) xhud kif gej:

Raymond Azzopardi (*a fol* 30 et. seq.); Simon Azzopardi (*a fol* 42 et. seq.); PS 1222 Karl Nicolai Vella Cassia (*a fol* 50 et. seq.); WPC 169 Doris (Maria Dolores) Al Sous Camilleri (*a fol* 65 et. seq.); WPS 145 Graziella Zammit (*a fol* 67 et. seq.); PC 1309 John Scerri (*a fol* 69 et. seq.); PC 283 Roderick Borg (*a fol* 72 et. seq.); PC 960 Pierre Vassallo (*a fol* 74 et. seq.); Stephen Cachia (*a fol* 77 et. seq.); Francis Azzopardi (*a fol* 92 et. seq.); PS 1243 George Polidano (*a fol* 100 et. seq.); PC 1469 Emerson Borg (*a fol* 102 et. seq.); PC 600 David Mizzi (*a fol* 103 et. seq.); Antoine Muliette (*a fol* 180 et. seq.); PC 1525 Patrick Farrugia (*a fol* 250 et. seq.); Perit Richard Aquilina (*a fol* 255 et. seq.); PS 826 Matthew Parnis (*a fol* 263 et. seq.); WPC 156 Lara Garzia u PC 1491 Kurt Attard (*a fol* 274 et. seq.); PC 1565 Ian Farrugia u PC 1525 Patrick Farrugia (*a fol* 284 et. seq.); Keith Cutajar (*a fol* 305 et. seq.); Dr. Anthony Cutajar (*a fol* 322 et. seq.); Spettur Stacy Attard (*a fol* 359 et. seq.); PS 1561 Ian Farrugia (*a fol* 378 et. seq.); Dr. Marisa Cassar (*a fol* 379 et. seq.); PS 1561 Ian Farrugia (*a fol* 394 et. seq.).

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt li tqajjmu waqt dan il-kaz.

## Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz fejn xehed l-imputat, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan

iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

## Apprezzament tax-xhieda[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil- profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-

fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall- provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

Il-grad ta' sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż Majid,[4] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial*

---

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

*Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet

personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-imputat jixhed. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni.

KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZI

Fis-sottomissjonijiet finali il-prosekuzzjoni u d-difiza jqajjmu numru ta' punti marbuta mal-imputazzjonijiet li l-imputata tinsab mixlija bihom.

Skont l-ufficjal prosekutur li ha din il-kawza meta l-prosekuzzjoni kienet diga' ghalqet il-provi l-imputazzjonijiet ġew pruvati, u *"dan għaliex is-sinjura Azzopardi irrilaxxat żewġ stqarrijiet, waħda datata l-ewwel (1) ta' Lulju tal- elfejn u għoxrin (2020) liema stqarrija qiegħda esebita u l-oħra datata sitta (6) ta' Awwissu tal-elfejn u għoxrin (2020) fejn fl-istqarrija tal-ewwel (1) ta' Lulju tal-elfejn u għoxrin (2020) tikkonferma mhux biss li kienet fl-inħawi tar-razzett tal-baqar ta' Xmun dakinhar tat-tletin (30) ta' Ġunju tal-elfejn u għoxrin (2020) jiġifieri dakinhar li hemm ċitat ukoll fl-akkuża, imma tagħmel aċċenn ukoll għat-tieni sparati u hi tgħid fi kliemha li ġew minn warajha"* Ghamel referenza ukoll għax-xhieda ta' Raymond Azzopardi fejn qal li *"fl-atti proċesswali huma t-testimonjanza ta' Raymond Azzopardi a fol 30 et sequitur tal-atti proċesswali, it-testimonjanza ta' Simon Azzopardi u cioé meta ngħid Simon Azzopardi, Simon Xmun jiġifieri Simon senior, esebit a fol 42 tal-atti proċesswali, u dawn it-tnejn li huma jagħmlu aċċenn għal dawn iż-żewġ tiri sparati fid-direzzjoni ta' vettura li kien qiegħed jagħmel użu minnha Raymond Azzopardi ... Imbagħad jekk wieħed jasal a fol 327 tal-atti proċesswali jixhed l-espert nominat fl-inkjesta, għax din tajjeb li ngħidu li kien hemm inkjesta, li kienet magħmula mill-Maġistrat Dr Marse-Anne Farrugia fejn kien appuntat Dr Anthony Cutajar biex jisma' x-xhieda. Jiġifieri xhieda xehdu kemm fl-atti ta' din il-kawża u anke quddiem Dr Anthony Cutajar li kien espert maħtur biex jisma' x-xhieda, fejn a fol 327 tal-atti proċesswali et sequitur jixhed dan Xmun,*

*tajjeb? u jgħid Ii Angie Azzopardi qaltlu, "għandi ħadida u noqtlok biha," jiġifieri jiena umilment nissottometti li l-ħsieb kien qiegħed hemm. Azzopardi jgħid ukoll li Angie qaltlu, "illejla..." u dan ġara dakinhar tat-tletin (30) ta' Ġunju tal-elfejn u għoxrin (2020), "illejla ma toħroġx mir-razzett." U jgħid ukoll li wara li ġraw dawn l-allegat sparaturi, hija qaltlu l-kliem, "Oħroġ minn hemm, oħorġu minn hemm jekk intom bulijiet!"* L-Ufficjal prosekutur isostni li *"A fol 336 tal-atti proċesswali xehed ukoll Raymond Azzopardi u dan jalloċċa ma' dak li qal hu quddiem l-Qorti, dan skont it-testimonjanza tiegħu, meta kien wasal madwar ħames mitt pied (~500') 'il bogħod mir-razzett lemaħ il-vettura ta' Angie bin-numru ta' reġistrazzjoni ANG 088, fejn din kif rathom, l-ewwel saqet għamlet manuvra bil-karozza biex seta' jgħaddi Joseph Cordina, imbagħad daqqitlu l-horn u dan ġie interpretat bħala sinjal biex eventwalment jiġru l-isparaturi."*

L-avukat difensur fis-sottomissjonijiet tieghu iqajjem zewg punti legali important: *"Però legalment, fid-dawl ta' dawn il-fatti, hemm żewġ punti oħra li huma importanti. L-ewwel ħaġa, dato ma non concesso, illi ntqalu l-kliem "Spara! Spara!", fl-isfond tal-fatt illi hawnhekk hawn allura l-attentat tal-ferita gravi, għax huma qed jattribwixxu l- kompliċità fil-ferita gravi. Ferita gravi ma kienx hemm, però l-Kodiċi Penali tagħna jipprovdi illi jekk il-Qorti ma ssibx ir-reat kompletat, tista' tirriżultalha reatà fuq ir-reat attentat. Però l-attentat jirrikjedi illi jiġi determinat b'mod speċifiku liema hu r-reat li suppost ġie attentat, jiġifieri filwaqt li inti jista' jkollok, "whosoever, with intent to commit an offence, such is followed by over…, followed by commencement of execution," però the commencement of execution tirrikjedi l-ġurisprudenza tagħna fuq l-attentat u t-tagħlim tagħna fuq l-attentat, li inti tista' tidentifika effettivament the execution, the commencement of execution ta' liema reat? Liema hu r-reat? "Spara! Spara!" fl-ajru? "Spara! Spara!" biex tbeżżgħu? "Spara! Spara!" biex toqtlu? "Spara! Spara!" biex tagħmillu ferita? Però anke jekk tiġi "Spara!*

*Spara!" biex tagħmillu ferita, x'tip ta' ferita? Ferita li tinkwadra ruħha taħt l-artiklu 218? 216? 221? 220? Mela inti bis-sempliċi kliem "Spara! Spara!", ċertament m'għandekx fl-ewwel lok il-kompliċità fir-reat kompletat għax ħadd ma sofra lanqas girfa hawnhekk. Però l-kliem "Spara! Spara!", jekk intqal, fl-isfond ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali li għandna – mela s-Citroën li m'għandhiex marki, li ħadd ma ntlaqat, li ma jinstab assolutament xejn – fejn jieħdok? Fejn iwasslek? Huma kliem illi jekk intqalu, jistgħu jeħduk assolutament kullimkien, u allura l-ewwel problema legali issa f'dan l-isfond fattwali hija l-kwistjoni tal-element tal-commencement of execution, of which offence? It-tieni problema legali, hija l-kwistjoni tal-concorsi delinquenzium. Il-concorsi delinquenzium hawnhekk kif ġie pruvat? Jekk saret din l-isparatura, għax inti trid tipprova anke l-concorsi delinquenzium, għax hawnhekk qed tiġi akkużata mhux fil-vesti tagħha qua awtur, iżda fil- vesti tagħha qua kompliċi. Imma l-concorsi delinquenzium tagħha mal- persuna li suppost spara, fejn hu? Fejn hi l-common design tagħhom? Dak illi seta' għamel hu jew illi forsi kellu f'moħħu, kif tista' twassal biex tikkonkludi illi għandek nes ta' finalità f'dik li hija l-mens rea tagħhom biex ikollok ukoll il-concorsi delinquenzium? U allura għalhekk bdejt billi għidt illi kemm ir-riżultanzi fattwali waħidhom ma jwasslukx biex tikkonkludi illi ntqal dan li ntqal. Però anke jekk għall-grazzja tal-argument tasal biex tikkonkludi li ntqalu dawn il-kliem, kif ħa torbothom mal-elementi tar-reat illi qegħdin nitkellmu fuqu"*

**<u>Feriti</u>**

Rigward l-element formali tal-offiżi kontemplati mill-artikolu 216, 217 u 218 tal-Kap. 9, jispjega l-Profs Mamo:

*To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. [...]*

*Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu".*[6]

Fil-kawza fl-ismijiet "**Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**" fejn inghad illi :-

*'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta'*

[6] Profs A.J. Mamo, *Lectures in Criminal Law*, Vol. II pg 225, Published by the Law Students Society.

*x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.[7]'*

**<u>It-tentattiv</u>**

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal- Kapitolu 9 li jiddisponi illi:

> *"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."*

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika

[7] Deċiża fit-8 ta' Lulju 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David.

li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat.

Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

> "To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

> "So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in

> order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigixikkunsmat. Izda jista' jisussisti ukoll it-tentattiv tar-reat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f'dana il-kaz huwa ikollu limpunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

Ighid il-Pofessur Mamo:

> "The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will … The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well

as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."

Maghmula dawna l-osservazzjonijiet, irid jigi stabbilit jekk l-imputata tistax tinstab hatja tar-reat ta' tenattiv ta' offiza gravi. Illi sabiex jissusti ir-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

> *"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu."* (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi.

Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."* (Notes on Criminal Law),

izda imbaghad izid

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet:

> Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.

**<u>Komplici</u>**

Artiklu 45 tal-Kap 9 jipprovdi:

> *45. Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -*

*(a) lill-persuna li tagħmel l-att;*

*(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u*

*(ċ) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir.*

*46. Meta jiġi stabbilit li fil-fatt sar delitt, il-kompliċi jeħel, apparti mill-awtur, allavolja dan ikun miet, jew ħarab, jew tkun ġiet lilu mogħtija l-maħfra, jew b'xi mod ieħor ikun ġie meħlus qabel ilkundanna, jew ukoll jekk l-awtur ma jkunx magħruf.*

Mill-provi prodotti il-Qorti ma tistax tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputata kellha sehem fi-reat skont kif mixlija. Iżda fin- nuqqas ta' provi li l-imputata kienet l-awtur tar-reat addebitat lilha il-Qorti ma tistax tieqaf hawn iżda trid tissokta teżamina jekk kienx hemm provi biżżejjed sabiex l-imputata tiġi ritenuta kompliċi fir-reat addebitat lilha.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace, Omissis**:

> Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il- persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal- Kodici Kriminali. Is-

semplici fatt li dik il-persuna marret ma' l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Imhallef David Scicluna fil-kaz Il-**Pulizija vs Clifton Caruana** (App. Nru. 303/05 DS)[8]:

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, wiehed irid jezamina c-cirkostanzi tal-kaz biex jiddetermina jekk tkunx tezisti xi forma ta' komplicita` kontemplata fl-artikolu 42 tal-Kap. 9. Jista' fil-fatt ikun hemm cirkostanzi fejn is-semplici presenza ta' persuna fuq ix-xena tad-delitt tkun mezz ta' kif tissahhah il-volonta` ta' l-awtur tad-delitt. Per ezempju, fejn jista' jigi stabbilit li n-nuqqas ta' persuna li tipprova twaqqaf il-perpetrazzjoni ta' delitt kien dovut ghall-intenzjoni tieghu li jassisti jew jinkoraggixxi tali perpetrazzjoni, wiehed jista' jikkonkludi li b'hekk tkun giet imsahha l-volonta` ta' l-awtur tad-delitt.*

*Fil-kaz in ezami, pero` dak li ma qalx l-appellant huwa li l-ewwel Qorti qalet aktar milli qal hu. Difatti l-ewwel Qorti qalet li "ma temminx dik il-parti ta' l-istqarrija tieghu fejn jinnega illi zammha. Fil-fatt il-Qorti*

[8] Seduta ta' nhar-il Gimgha 27 ta' Lulju 2007

*nnutat il-manjiera li bih Clifton Caruana jikkwivoka b'mod sofistikat fis-sens illi jghid illi huwa ma zammhiex min idejha, mentri l-provi kollha juru li Landqvist inzammet minn spallitha. Illi b'din il-manjiera, huwa ghen b'mod konkret ghall-perpetrazzjoni tar-reat."*

*(iii) Kwantu ghat-tielet ilment, l-appellant ghandu ragun meta jghid illi, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-artikolu 45 tal-Kap. 9 ma jikkontempla l-ebda reat. L-artikolu 45 jipprovdi testwalment hekk:*

*"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss –*

*(a) lill-persuna li taghmel l-att;*
*(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u*
*(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir."*

*Mela permezz ta' l-imsemmi artikolu, kull att maghmul mill-awtur ta' delitt jew mill-komplici u li jrendi aktar gravi d-delitt, huwa imputabbli lill-persuni elenkati fl-imsemmi artikolu. Dwar jekk japplikax ghall-kaz in ezami jigi kkunsidrat aktar 'il quddiem.*

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hu imperattiv li jsir tenut kont in partikolari ta' dak previst fl-artikolu 467(3) tal-Kodiċi Kriminali li huwa reż

applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura bl-artikolu 525(3) tal-istess Kodiċi. L-artikolu 467(3) msemmi jipprovdi li:

> "Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed minnhom jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi."

Din il-Qorti tinnota li ma ġiex pruvat minn min sar ir-reat addebitat lilha u ghalhekk din il-Qorti mhix sodisfatta li ġie pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-istess reat sar minn wiehed minnhom jew aktar. Il-Qorti mhix sodisfatta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-imputata ħadet sehem fir-reat biżżejjed biex tagħmilha kompliċi fir-reat.

**<u>Biza' li kienet ser tintuza vjolenza</u>**

L-imputata tinsab mixlija li gabet ruhha b'mod li tat fastidju kif ukoll illi gieghlhet biza' li kienet ser tintuza vjolenza u dan kif imfassal fl-artikoli 251A(1)(2) u 251B tal-Kapitolu 9. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni il-**Pulizija vs Ahmad Yassine**[9] deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Jannar 2020 fejn intqal:

[9] Appell Nru: 192/2017

**"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.**

**"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**

***'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable***

*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.*[10]*"*

**Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa..**[11]**.**

**Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:**

**'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-**

***"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",***

[10] App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012

[11] Il-Pulizija vs Massimo Tivisini

**...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-**

**".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."**

**Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.**

In oltre għal dak li jirrigwarda l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Raymond Coleiro**, dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

**Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda.**[12]

[12] Deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef David Scicluna, Ref. 205/11.

**'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza ttest Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:**

***"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika**

**– il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:**

*'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

**"Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza rreat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.**[13]

[13] Deċiża nhar l-24 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano, Ref. 337/2008.

Stabbilit dan l-insenjamenmt gurisprudenzjali huwa evidenti allura illi jrid ikun hemm prova dwar rettroxena fejn f'aktar minn okkazzjoni waħda l-parte ċivile tibża illi hi jew il-familjari jew il-propjeta tagħha setgħu isofru vjolenza minn taht idejn l-imputata u dan minħabba l-komportament taghha. Dan ma jirrizultax.

**<u>Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 (Inguri u Theddid)</u>**

Bhala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravvenzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Camlleri** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009:

> *"Skond il-gurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo[14]' it-theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiëi , e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar** inghad li:

[14] Deciza mill-Qorti talAppell Kriminali (Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 1995.

*"Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali."*[15]' Theddida lanqas ma titlef mis-serjeta` taghha jekk tkun kundizzjonata.[16]

Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. Antolisei jishaq li: *" e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace."*[17]

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qortital-Appell ippresedut mill-Imhallef Edwina Grima fejn fid-decizjoni taghha il-**Pulizija vs Alexander Polidano (Appell Nru: 427/2018)**[18] qalet:

> L-appellant gie misjub hati tar-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.
>
> **'Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.'**

[15] Deciza mill-Imhallef Dr W. Harding fil-25 ta' Gunju 1952.
[16] Ara f'dan is-sens Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949
[17] Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre)
[18] 31 ta' Lulju, 2020

U ukoll:

**Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.**

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxilha ggib provi bizzejjed biex tinstab htija dwar din l-akkuza.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti*

*tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[19]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

[19] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[20] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

[20]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu

wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat artikoli 41, 43, 45, 46, 214, 215, 216, 217, 218, 222,202, 251(3), 222(1)(a), 202, 251H(a)(b) u 339(1)(e) ma ssibx lill-imputata Angie Azzopardi hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnhom tilliberha, issibha hatja tat-tielet imputazzjoni kontravenzjoni u tikkundanna Twiddiba.

*Inoltre*, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lil imputata b' obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' elfejn ewro ( €2000 ) ghal zmien sena mill-llum u dan skond il-kundizzjonijiet fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jaghmel parti integrali minnha.

Il-Qorti tappella li f'kazijiet bhal dawn, kwistjonijiet li jqumu bejn il-familji, fejn anke jkun hemm min jidhol bejn il-basla u qoxritha, jsolvihom b'mod civili u mhux b'xi theddid jew vjolenza.

---

**Dr. Joseph Mifsud LL.D**

**Magistrat**

---

**Ylenia Spiteri**

**Deputat Registratur**